# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 13**

**Rikors numru 112/17 AL**

**Audrey Cassar**

**v.**

**Aaron Schembri**

PRELIMINARI

1. L-attriċi appellat mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat-23 ta' Mejju 2018 li biha ċaħdet it-talba tal-attriċi sabiex iż-żwieġ mal-konvenut, li sar fil-5 ta' Ottubru, 2013, ikun dikjarat null ai termini tal-artikolu 19(1)(c), (d) jew (f) tal-Att dwar iż-Żwieġ.

2. L-ewwel Qorti immotivat is-sentenza b'dan il-mod:

*"Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tal-qerq, tad-difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.*

*"Illi dwar l-ewwel kawżali tal-qerq, il-Qorti hija tal-fehma illi din il-kawżali ma tistax tirnexxi fil-każ odjern u dana stante, illi filwaqt li huwa minnu li l-konvenut huwa ossessjonat bid-delizzju tiegħu tal- bodybuilding, din kienet ħaġa li ċertament l-attriċi kienet konxja tagħha qabel iż-żwieġ u għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm il- qerq kif tallega l-attriċi. Fil-fehma tal-Qorti, sa mill-għerusija, l-attriċi kienet taf li huwa tassew impenjat bil-bodybuilding u jieħdu bis- serjeta`.*

*"Dwar ir-relazzjoni tal-konvenut ma' trasvestita, kif allegat mill-attriċi u mhux kontradetta, dina seħħet wara li ż-żwieġ bejn il-partijiet kien diġa sfaxxa u għalhekk dawn il-gosti sesswali fil-konvenut ma setgħux kienu l-kawża tat-tfixkil taż-żwieġ. Dawn it-tendenzi sesswali tal-konvenut ħarġu wara li il-ħajja miżżewġa bejn il-partijiet kienet diġa sfaxxat u l-konvivenza matrimonjali tagħhom spiċċat. Illi għalhekk, jekk jirriżulta minnu li l-konvenut kellu dawn il-gosti sesswali u ħbiehom mill-attriċi, ma kienux l-istess tendenzi li fixklu l- ħajja miżżewġa imqar potenzjalment. Illi inoltre, kif intqal fil- ġjurisprudenza appena ċċitata, sabiex il-qerq ikun tali li jinvalida ż- żwieġ, irid jipprovoka kriżi meta jiġi skopert, għax inkella jitqies li l- iżball ma kienx sostanzjali. Fil-każ odjern, jirriżulta li ż-żwieġ bejn il- partijiet kien għadda minn kriżi qabel u mhux wara li l-attriċi skorpriet dwar ir-relazzjoni ta' żewġha mat-trasvestita.*

*"Illi dwar in-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju li seta vvizzja l- kunsens tal-intimat, il-Qorti hija tal-fehma li l-provi f'dan ir-rigward huma wisq skjetti. L-uniku indizju li jista' jimmilita favur in-nullita` taż- żwieġ tal-partijiet għab-bażi tan-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju tal-konvenut, hija l-qosor tal-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet li damet biss ftit xhur. Illi pero`anki dwar dan, l-attriċi, li kienet l-uniku xhud f'dan il-proċess, ftit li xejn elaborat dwar x'wassal għat-tifrik taż- żwieġ daqstant f'qasir żmien. Il-provi mressqa huma ftit u xotti wisq biex il-ġudikant jista' jasal għaċ-ċertezza morali sabiex jikkonkludi li ż- żwieġ bejn il-partijiet kien invalidu. Kull żwieġ huwa preżunt validu fil- liġi. Min jallega n-nullita` jrid jipprovaha hu, għaliex l-oneru tal-prova tinkombi, f'kull każ, lil min jallega. Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ odjern ma nġibux biżżejjed provi biex jegħlbu tali preżunzjoni imqar sal-grad tal-probabbli.*

*"Għaldaqstant il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-attriċi ipprovat, sal-grad li tirrikjedi l-liġi illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju tad-*

*diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, u konsegwentement għan-nullita taż- żwieġ bejniethom. Ma jirriżultax lanqas illi l-konvenut eskluda xi waħda mill-elementi essenzjali taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 19(1)(f).*

*"Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi miġjuba f'din il-kawża konsistenti unikament fid-depożizzjoni tal-attriċi u ma tista' ssib xejn fiha li b'xi mod jipprova il-vizzji tal-kunsens allegati mill-attriċi. Il-kawżali tal-qerq ma jirriżultax filwaqt illi ma ġiex sodisfaċentement ippruvat li fil- mument illi taw il-kunsens l-elementi tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kienu neqsin mill-intimat. Lanqas m'hemm provi li jistgħu jwasslu lill- Qorti tikkonkludi li l-konvenut, b'att pożittiv tal-volonta` tiegħu, eskluda, fil-mument tal-għoti tal-kunsens, iż-żwieġ innifsu jew wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa"*.

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-attriċi Audrey Cassar (06.06.2018).</u>**

3. B'rikors preżentat fis-6 ta' Ġunju, 2018 l-attriċi appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

(a) *<u>Dwar il-konklużjoni tal-ewwel Qorti li ma kienx hemm vizzju tal-kunsens ai termini tal-Artikolu **19(1)(ċ)**</u>.*

L-attriċi argumentat li l-kunsens tagħha kien vizzjat *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(ċ) għaliex kienet ġiet imqarrqa mill-konvenut minħabba li kien ħeba minnha (i) l-<u>ossessjoni li kellu fuq il-*bodybuilding,*</u> u (ii) kellu t-tendenza li jkollu <u>relazzjoni ma' trasvestit</u>.

Kwantu għall-allegata ossessjoni dwar il-*bodybuilding*, tgħid li

din saret taf biha wara ż-żwieġ. Tgħid li kienet mingħaliha li kellu "passatemp" iżda mhux li kellu "ossessjoni", tant li kien jagħmel dieti u anke jieħu sustanzi li wasslu li anke l-att sesswali ma setax isir.  Issostni li hija għalhekk ġiet imqarrqa.

Kwantu għall-allegata relazzjoni li kellu ma' trasvestit tgħid li għalkemm din seħħet meta kienu diġa bdew il-problemi matrimonjali, it-tendenza li huwa jagħmel dan ovvjament kienet inerenti fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.

*(b)* *__Dwar il-konklużjoni tal-ewwel Qorti li ma kienx hemm vizzju tal-kunsens abbażi tal-Artikolu **19(1)(d)**__.*

L-attriċi appellanti ssostni li kemm il-kunsens tagħha kif ukoll tal-konvenut kien vizzjat skont l-Artikolu 19(1)(d), u li t-tnejn qatt ma għarrfu s-sens ta' sagrifiċċju lejn xulxin, u anzi raw lil xulxin bħala *"a friend with a benefit".*

Kwantu għall-kunsens tagħha, tenfasizza li hija kellha rieda kbira li titlaq mid-dar tal-ġenituri tagħha minħabba ġlied magħhom, u għalhekk kienet ferm vulnerabbli meta tat il-kunsens tagħha għaż-żwieġ.

Kwantu għall-kunsens tiegħu, issostni li huwa kien jaraha biss bħala kumpanija u ried jgħix magħha.

(c) *<u>Dwar il-konklużjoni tal-ewwel Qorti li ma kienx hemm vizzju tal-kunsens abbażi tal-Artikolu **19(1)(f)**.</u>*

L-attriċi issostni li kemm il-kunsens tagħha kif ukoll tal-konvenut kien vizzjat skont l-Artikolu 19(1)(f).

Kwantu għall-kunsens tagħha tenfasizza li hija riedet tiżżewweġ għaliex emmnet li l-għażla li kellha kienet jew li tiżżewweġ jew li tgħix barra t-triq (minħabba l-ġlied mal-ġenituri).

Kwantu għall-kunsens tal-konvenut issostni li huwa eskluda ż-żwieġ għaliex eskluda totalment l-fatt li jkollu tfal minħabba li diġa` kellu wild minn relazzjoni oħra. Tgħid dan huwa kkonfermat bil-fatt li minħabba s-sustanzi li kien jieħu għall-*bodybuilding* ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel l-att sesswali.

4. Il-konvenut baqa' kontumaċi, u lanqas wieġeb għar-rikors tal-appell.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

5. L-attriċi talbet li jiġi deċiż u dikjarat li ż-żwieġ tagħha mal-konvenut (li seħħ fil-5 ta' Ottubru 2011) huwa null u invalidu ai termini tal-Artikolu **19(1)(ċ)** u/jew l-Artikolu **19(1)(d)** u/jew l-Artikolu **19(1)(f)** tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-allegata nullita` ma tirriżulta taħt l-ebda waħda mill-imsemmija sub-inċiżi tal-Artikolu 19(1); iżda l-attriċi fir-rikors tal-appell tagħha issostni l-kuntrarju. Din il-Qorti għalhekk sejra tikkunsidra l-*capita nullitatis* invokati minnha wieħed wieħed sabiex tara jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ (jekk ikunu jirriżultaw sodisfaċentement mill-provi prodotti) jinkwadrawx taħt xi waħda jew oħra minnhom.

## Artikolu 19(1)(ċ)

6. L-Artikolu 19(1)(ċ) jipprovdi li żwieġ ikun null:

> ***"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa".***

7. F'dan ir-rigward issostni li l-konvenut qarraq biha għaliex kien biss wara ż-żwieġ li saret taf (i) li għandu ossessjoni bil-*bodybuilding* u (ii) li għandu gosti sesswali mhux konvenzjonali, fis-sens li għandu il-predispożizzjoni li jkollu relazzjoni ma' trasvestiti.

8. Fir-rigward tal-allegata ossessjoni tal-konvenut bil-*bodybuilding*, l-attriċi fl-affidavit tagħha xehdet hekk:

> *"Meta konna għarajjes kien hemm numru ta' affarijiet li illum biss ninduna li ma kinux normali, bħall-ossessjoni li Aaron kellu għall-bodybuilding fejn kien jagħmel dieta partikolari ħafna. Kien ukoll interessat ħafna fid-dehra fiżika tiegħu li għal raġel hija ftit inqas komuni. Xorta waħda jiena bqajt inqis illi dan ma kien xejn importanti. Irrid ngħid illi dan kien żball min-naħa tiegħi peress illi meta Aaron u jiena konna miżżewġin, indunajt illi dan kien qiegħed ikollu effett fuq il-ħajja miżżewġa peress illi Aaron kellu ossessjoni bid-dehra fiżika tiegħu u il-"body building" ma kienx sempliċiment passatemp kif ġielni naħseb. Jiena inħoss li ġejt ingannata…..l-ossessjoni li għandu fuq il-fiżka tiegħu u l-bodybuilding kienet għamlet lil Aaron f'persuna aktar agressiva."*

9. Din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li bħala prova tal-allegata "ossessjoni" (fis-sens ta' diżordni psikoloġika) tal-konvenut dwar id-dehra fiżika tiegħu hemm biss il-verżjoni tal-attriċi. Ma ressqet l-ebda prova oħra biex tissostanzja dak li iddikjarat fl-affidavit. Il-Qorti tosserva wkoll li fir-rikors tal-appell żiedet li l-konvenut "*kien jieħu sustanzi li wasslu li anke l-att sesswali ma setax isir".* Allegazzjoni ġdida li ma semmietx fl-affidavit.

10. M'hemmx dubju li l-provi dwar l-allegata 'ossessjoni' li tgħid li kellu l-konvenut kellhom ikunu ferm aħjar minn affidavit tagħha, li hu qasir u xott minn dettalji ta' fatt.

11. Fi kwalunkwe każ pero`, din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, hija konvinta, li kwalsiasi "ossessjoni" li seta kellu l-konvenut ma ġietx skoperta mill-attriċi wara ż-żwieġ. Fil-fatt hija stess xehdet li tul l-għerusija

(fuq perjodu ta' sentejn) kienet indunat li kien interessat ħafna fid-dehra fiżika tiegħu u li kien jagħmel dieta partikolari, u adirittura tammetti li kienet żbaljata meta qieset li dan ma kienx importanti. Kienet għalhekk għażla tagħha li tinjora dawn ir-"red flags", u allura żgur li ma jistax jingħad li l-konvenut qarraq biha f'dan ir-rigward, anke jekk wara ż-żwieġ kwalsiasi "ossessjoni" li seta' kellu fid-dehra tiegħu u fil-*bodybuilding* possibilment saret iktar evidenti.

12. Fir-rigward tal-allegata relazzjoni li l-konvenut kellu ma trasvestit, l-attriċi fl-affidavit tagħha xehdet hekk:

> *"Minbarra dan, Aaron kellu relazzjoni ma trasvestita, wara illi kienu bdew il-problemi fil-ħajja miżżewġa u konna bdejna proċeduri tas-separazzjoni, għalkemm ma konniex legalment separati. Dan juri li lili kien ingannani għaliex qatt ma kelli ħjiel li kienu jogħġbuh dawn il-persuni".*

13. Kif spjegat tajjeb l-ewwel Qorti, biex jirriżulta li kien hemm "*qerq dwar il-kwalita` tal-parti l-oħra*" skont l-Artikolu 19(1)(ċ), il-qerq dwar il-kwalita` tal-persuna irid ikun relatat mal-persuna infisha, cioe` bħal per eżempju mard (fiżiku/mentali), infertilita`, vizzju ta' drogi/alkoħol/logħob tal-ażżard, jew orjentazzjoni sesswali. L-ewwel Qorti qalet li wkoll jekk il-konvenut kellu orjentazzjoni sesswali li allegat l-attriċi u huwa ħbiehom minnha, dan il-"qerq" ma kienx il-kawża tat-tfixkil fiż-żwieġ għaliex skont l-affidavit tal-attriċi stess, dan saret taf bih wara li l-ħajja miżżewġa tagħhom kienet diġa` sfaxxat. Din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-gosti

sesswali tal-konvenut ma kinux il-kaġun għalfejn tkisser iż-żwieġ, m'huwiex rilevanti għal finijiet tal-kawża ta' annullament. Għall-iskop tal-kawżali dwar qerq, dak li hu rilevanti hu l-mument meta l-kontendenti taw il-kunsens tagħhom għaż-żwieġ, ċjoe` fil-ġurnata taż-żwieġ. Dik l-orjentazzjoni sesswali kienet teżisti diġa` meta l-partijiet iżżewġu u kienet magħrufa diġa` għall-konvenut u żammha mistura mill-attriċi?

14. Il-leġislatur fl-Artikolu 19(1)(ċ) għamilha ċara li l-kwalita` li dwarha jkun sar il-qerq trid tkun tali li "***<u>tista' mix-xorta tagħha</u>*** *tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa*"[1]. L-Artikolu 19(1) ma jirrikjedix li l-ħajja miżżewġa tkun fil-fatt ġiet imfixkla serjament. Dan allura neċessarjament ifisser li l-kwalita` li dwarha jkun sar il-qerq trid tkun waħda oġġettivament gravi. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza <u>John Borg vs Paula sive Polly Borg</u>[2] u li l-ewwel Qorti rreferiet għaliha, il-qerq irid ikun:

> *"dwar dawk il-kwalitajiet, oġġettivament gravi, li jinċidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-għanijiet taż-żwieġ".*

15. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-każ li tiddikjara ż-żwieġ bejn il-kontendenti bħala null *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(ċ) fuq sempliċi paragrafu ta' erba' linji fl-affidavit tal-attriċi. Il-verżjoni li tat hi fjakka u lanqas ma ġiet ikkorroborata permezz ta' xi provi oħra. L-oneru tal-prova kien fuq l-attriċi.

---

[1] Verżjoni bl-Ingliż: "***<u>could of its nature</u>*** *seriously disrupt matrimonial life*".
[2] Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 22.05.1995 (591/94/VDG).

16. Il-fatt waħdu li wara li sfaxxa ż-żwieġ il-konvenut kellu xi tip ta' relazzjoni jew avventura ma' *transvestite*, m'hijiex prova ta' qerq dwar il-kwalita` tal-persuna fil-mument taż-żwieġ. Fil-fatt l-attriċi stess xehdet li l-konvenut kien missier ta' tifel li kellu minn relazzjoni oħra. Ma tat l-ebda tagħrif li jista' juri li waqt l-għerusija jew ftit wara ż-żwieġ l-attur żamm mistur minnha fatti li setgħu wassluha għal xi suspett li meta żżewġu kellu orjentazzjoni sesswali li dak iż-żmien kellu orjentazzjoni sesswali li setgħet tfixkel il-ħajja miżżewġa.

**L-inkompatibbilta` tal-Artikolu 19(1)(d) u l-Artikolu 19(1)(f):**

17. Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra ż-żewġ *capita nullitatis* l-oħra invokati mill-attriċi [dawk kontemplati fl-Artikolu 19(1)(d) u l-Artikolu 19(1)(f)] din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li, kif diversi drabi dikjarat mill-qrati tagħna, ir-raġunijiet li jissemmew fihom m'humiex kompatibbli ma' xulxin. Fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2006 fil-kawża **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**, din il-Qorti osservat:-

> *"Rigward id-dispożizzjoni kontenuta fis-subinċiż (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jinħtieġ li jiġi provat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta ta' dik il-parti.* ***Huwa evidenti li din l-esklużjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita` ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita`***

> ***ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju****. L-inkompattibilita` bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ fil-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika l-inkapaċita` li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni tinħtieġ li jkun hemm tali kapaċita` intellettwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta` li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali".*

18. Hekk ukoll fis-sentenza mogħtija minnha fil-11 ta' Novembru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Kenneth Cefai vs Louise Cefai**, din il-Qorti qalet:-

> *"Għar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-qorti għall-ennesima darba, tirribadixxi li* ***talba bażata fuq dawn iż-żewġ kawżali ma tistax, teknikament treġġi****".*

**Artikolu 19(1)(d)**

19. L-Artikolu 19(1)(d) jipprovdi li żwieġ ikun null:

> *"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ".*

20. L-attriċi ssostni li l-kunsens taż-żewġ partijiet kien vizzjat għaliex it-tnejn li huma qatt ma għarrfu s-sens ta' sagrifiċċju lejn xulxin, u anzi raw lil xulxin bħala *"a friend with a benefit".*

21. Kwantu għall-kunsens tagħha, tenfasizza li hija kellha rieda kbira li titlaq mid-dar tal-ġenituri tagħha minħabba ġlied magħhom u għalhekk kienet ferm vulnerabbli meta tat il-kunsens tagħha għaż-żwieġ. Bħala provi f'dan ir-rigward, hija fl-affidavit tagħha, wara li spjegat li tul l-

għerusija kellha ġlied kbir mal-ġenituri proprju minħabba li kienet qegħda f'relazzjoni mal-konvenut, xehdet hekk:

> *"…jien spiċċajt tlaqt id-dar u mort ngħix għand Aaron, għax kont taħt l-impressjoni li kien l-uniku mod biex insolvi din il-problema – kif ukoll għax kont spiċċajt dahri mal-ħajt.*
>
> ***Iż-żwieġ***
>
> *Jiena ddeċidejt li niżżewweġ lil Aaron għax ma kellix għażla oħra ħabba, illi kif ġa semmejt, ma kellix fejn immur noqgħod ħabba l-fatt illi kont miġġielda ma' familti u ma kontx qed inkellimhom. Spiċċajt nemmen li l-għażla illi kelli kienet jew niżżewweġ lil Aaron jew nispiċċa ngħix barra fit-triq…."*

22. Din il-Qorti ma tarax kif dak li qalet l-attriċi jista' jitqies prova tal-vizzju tal-kunsens skont l-Artikolu 19(1)(d). Il-fatt li kienet imdejqa d-dar tal-ġenituri tagħha u riedet titlaq m'hijiex prova li meta tat il-kunsens tagħha għaż-żwieġ kellha nuqqas serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa. Inoltre l-verżjoni li tat li l-unika triq li kellha sabiex taħrab mis-sitwazzjoni mal-ġenituri kienet li tiżżewweġ, hi kontradetta mill-fatt li qabel iż-żwieġ marret tgħix għand il-konvenut. Fatt li juri li kuntrarjament għal dak li qalet, fil-każ tagħha ż-żwieġ ma kienx l-uniku soluzzjoni sabiex titlaq mid-dar tal-ġenituri.

23. Fir-rigward tal-kunsens tal-konvenut, l-attriċi issostni li huwa kien jaraha biss bħala kumpanija u ried jgħix magħha. Fl-affidavit qalet biss:-

> *"…qatt ma ħassejtni li konna miżżewġin għax **Aaron kien jittrattani bħala "a friend with a benefit" minflok kif suppost, jiġifieri bħal martu.** Qatt ma kien hemm dak ir-rispett u imħabba li suppost ikun hemm bejn koppja miżżewġa. Ftit li xejn konna nikkomunikaw flimkien. Dan jidher iktar ċar minħabba li Aaron ma kien juri l-ebda impenn lejn*

*il-ħajja tagħna bħala konjuġi…."*

24. Hawnhekk ukoll il-provi huma skarsi għall-aħħar. Kif osservat l-ewwel Qorti għalkemm il-konvivenza matrimonjali damet disa' xhur biss, l-attriċi ma tatx biżżejjed dettalji li jistgħu jwasslu lill-Qorti biex tkun konvinta li l-konvenut kien jitratta lil martu bħala sempliċi ħabiba u xejn iktar. Attriċi f'kawża ta' din ix-xorta trid tiftakar li l-għan warajha hu li jinħall kuntratt ta' żwieġ. Provi skarsi bħal dawk li ressqet l-attriċi f'din il-kawża jistgħu biss iwasslu sabiex il-Qorti tiċħad it-talba għall-annullament taż-żwieġ.

25. Din il-Qorti għalhekk taqbel mal-ewwel Qorti li ma tressqux biżżejjed provi biex jegħlbu l-preżunzjoni tal-validita` taż-żwieġ imqar sal-grad tal-probabbli.

**<u>Artikolu 19(1)(d)</u>**

26. L-Artikolu 19(1)(f) jipprovdi li żwieġ ikun null:

***"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ".***

27. L-attriċi tibqa' ssostni li l-kunsens taż-żewġ partijiet kien vizzjat skont paragrafu (f).

28. Kwantu għall-kunsens tagħha, hija (bħal fil-każ tal-Artikolu 19(1)(d)) terġa' tirrepeti li riedet tiżżewweġ għaliex emmnet li l-għażla li kellha kienet jew li tiżżewweġ jew li tgħix barra t-triq (minħabba l-ġlied mal-ġenituri). Din il-Qorti jidhrilha li hekk kif il-fatt li kienet imdejqa d-dar tal-ġenituri tagħha u riedet titlaq minn hemm ma jfissirx awtomatikament li meta tat il-kunsens tagħha kellha nuqqas serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, daqstant ieħor ma jfissirx li kienet eskludiet pożittivament iż-żwieġ innifsu. Dan apparti li, kif diġa` fuq spjegat, mill-affidavit tagħha stess jirriżulta li meta telqet mid-dar tal-ġenituri tagħha ma marritx dritt tiżżewweġ iżda sempliċement marret tgħix għand il-konvenut, u għalhekk lanqas ma jidher li hu minnu li ż-żwieġ kien l-unika triq għaliha.

29. Kwantu għall-kunsens tal-konvenut hija ssostni li huwa eskluda ż-żwieġ għaliex eskluda totalment il-fatt li jkollu tfal minħabba li diġa` kellu wild minn relazzjoni oħra. Tgħid dan huwa kkonfermat bil-fatt li minħabba is-sustanzi li kien jieħu għall-*bodybuilding* ma kienx f'pożizzjoni li jkollu l-att sesswali. Iżda dik l-allegazzjoni tal-attriċi li l-konvenut kien jieħu sustanzi għall-*bodybuilding* u li konsegwenza tagħhom ma kienx possibbli għalih li jagħmel l-att sesswali, ma ssemmietx fl-affidavit. Affidavit li hu l-uniku prova li ressqet l-attriċi. Għalhekk dak li qalet fir-rikors tal-appell baqa' biss allegazzjoni mhux provata.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell tal-attriċi u tikkonferma s-sentenza li tat l-ewwel Qorti fit-23 ta' Mejju, 2018.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr